**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 454/2022 MS*

**St. George's Park Co. Ltd. (C264)**

**Vs.**

**Generali Italia S.p.A., soċjetà reġistrata f'Molignao Veneto, fil-provinċja ta' Treviso, l-Italja, bin-numru 00409920584**

Illum, 13 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-1 ta' Ġunju, 2022, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

> Is-soċjetà esponenti hija s-sid tal-binja bl-isem "Aragon Business Centre" fi Triq id-Dragonara, f'Paceville, San Ġiljan. Il-binja tikkonsisti f'disa' sulari ta' uffiċji u wkoll spazju ta' parkeġġ fis-sotterran. Il-parti esterna tal-binja, u cioe l-faċċata tagħha, (li hija ħaġa waħda, u li hija l-mertu tal-polza li ser tissemma aktar 'il quddiem) hi magħmulha f'bejn wieħed u ieħor minn elf u tmin mitt pannell tal-ħġieġ. Kull pannell hu kompost minn 'frame' ta' l-*aluminium* li

sistematikament hemm folji tal-ħġieġ imwaħħla miegħu. Din is-sistema hi magħrufha teknikament bħala '*structural glazing'* jew '*glass curtain wall'*, u minħabba l-fatt li l-ħġieġ f'kull pannell huwa doppju, dawn il-pannelli jiġu riferuti bħala DGU, ossia *'double glazing units'.* Il-faċċata hawn fuq deskritta tidher viżwalment fuq ir-ritratti hawn annessi u mmarkati dokument "**SGP1A**" sa "**SGP1F**").

Ix-xogħlijiet fil-parti esterna tal-binja konsistenti f'dawn id-DGUs saru minn soċjetà Taljana, SIA srl u dan permezz ta' kuntratt ta' appalt li kien ġie miftiehem ma din is-soċjetà. Shüco International Italia Srl kienet irrakkomandat l-għażla tal-kuntrattur, cioe ta' SIA srl, u żammet matul il-proġett rwol ta' sorveljanza b'mod ġenerali. Illum, SIA srl tinsab fi stat ta' falliment u f'dan ir-rigward għaddejjin proċeduri fl-Italja.

Bħala parti minn dan l-appalt kien ġie mifthiem li tinħareġ polza ta' assikurazzjoni għal perjodu ta' għaxar snin. Din il-polza nħarġet minn Ina Assitalia Spa u s-soċjetà konvenuta (illum Ina Assitalia Spa ġiet akkwistata mis-soċjetà konvenuta) bin-numru 050/01058461. Il-polza maħruġa a favur tas-soċjetà rikorrenti u kopja ta' din il-polza, u traduzzjoni ta' l-istess għal-Ingliż, qed tiġi annessa ma dan ir-rikors u mmarkata Dokument "**SGP2**". Din il-polza intestata "*Decennale Postuma – Danni diretti all'opera*" tikkonsisti f'varji sezzjonijiet u bħala parti integrali mill-istess polza hemm ukoll dik is-sezzjoni li fiha tinkludi l-"*Convenzione U.N.C.S.A.A.L. Grandi Involucri – Tutti i rischi di montaggio, Garanzia Postuma Decennale*", hawn imsejħa *"Il-Convenzione U.N.C.S.A.A.L."*. Il-mertu ta' dawn il-proċeduri jikkonċernaw prinċiparjament din l-aħħar parti tal-polza maħruġa u ċioe l-*Garanzia Postuma Decennale* (garanzija ta' għaxar snin b'effett mill-24 ta' Settembru 2012) essenzjalment minn paġna 20 'l quddiem tal-verżjoni Taljana tal-*Convenzione U.N.C.S.A.A.L.* li tirregola "*Garanzia Postuma Decennale*".

Fl-ewwel artiklu f'paġna 20 ta' din il-parti tal-polza, ċioe' *"Il-Convenzione U.N.C.S.A.A.L.",* hemm indikat l-iskop ta' din il-kopertura u ċioe l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tindennizza u tkopri lis-soċjetà rikorrenti "*per i danni materiali e diretti causati all'opera assicurata e a terzi, durante il periodo di efficacia del contratto, da difetto di solidita, stabbilita o impermeabilizzazione (all'aria, all' Vento, all'acqua), ovvero da gravi difetti costruttivi individuati ai sensi dell'art. 1669 del Codice Civile."*

Il-polza in kwistjoni hija regolata mil-liġi Taljana u l-art. 1669 in kwistjoni jiddisponi skont dan li ġej: "*Quando si*

*tratta di edifici o di altre cose immobili destinate per la loro natura a lunga durata, se, nel corso di dieci anni dal compimento, l'opera, per vizio del suolo o per difetto della costruzione, rovina in tutto o in parte, ovvero presenta evidente pericolo di rovina o gravi difetti, l'appaltatore è responsabile nei confronti del committente e dei suoi aventi causa, purché sia fatta la denunzia entro un anno dalla scoperta. Il diritto del committente si prescrive in un anno dalla denunzia."*

Dan l-artikolu jixbaħ – però huwa ħafna usa kif ben dimonstrat mill-ġurisprudenza Taljana' – lill-art. 1638 fil-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Tant hu hekk li kien proprju għal din ir-raġuni li r-rikorrenti għażlet li tkun il-liġi Taljana li tirregola l-appalt u wkoll li jkollha benefiċċju ta' polza regolata bl-istess liġi.

Il-faċċata ta' Aragon Business Centre, koperta b'din il-polza, hija milquta minn tali difetti gravi u preżentement tinsab fi stat ta' deterjorament fis-sens li qed jipprogressa (b'rata pjuttost inkwetanti). Dan id-deterjorament jikkonsisti prinċipalment fid-distakk tal-ħġieġa esterna mis-sistema li tgħaqqad iż-żewġ ħġiġiet flimkien, kif ukoll mill-kumplament tal-*frame* li jżomm il-pannell, ossia id-DGU, bħala oġġett unit. Dan kollu huwa ta periklu kbir għax teżisti l-possibilità li waħda (jew iktar) minn dawn id-DGUs jiddistakkaw ruħhom għal kollox minn xulxin u jaqgħu bil-konsegwenzi serji kollha li dan jista' jġib miegħu. Dan id-distakk għandu wkoll konsegwenzi oħra fis-sens illi l-faċċata (ċioe l-*curtain wall*) mhix ser taqdi l-funzjonijiet tagħha fosthom, iżda mhux biss, il-funzjoni termika.

Is-soċjetà rikorrenti, debitament innotifikat il-kwistjoni u għamlet diversi tentattivi sabiex tikseb indennizz skont il-polza għal dawn id-difetti gravi madankollu s-soċjetà intimata dejjem kaxkret saqajha biex tirrispondi u rrifjutat li tkopri lis-soċjetà rikorrenti għal raġunijiet inkonsistenti li lanqas qatt ma kienu sostanzjati. B'tentattiv li l-kwistjoni tiġi riżolta sar ukoll proċess ta' medjazzjoni fl-Italja li ma wassal għall-ebda riżultat pożittiv.

Is-soċjetà rikorrenti għalhekk għaddejja preżentement minn proċess biex tibdel il-faċċata tal-binja, mertu tal-fuq imsemmija polza, l-ispiża għal-liema ser tiġi iktar definittivament likwidata matul dawn il-proċeduri għaliex fil-mument tal-preżentata ta' dan ir-rikors għad qed jinġabru l-istejjem.

Minħabba li l-proċess ta' medjazzjoni ma wassal għal ebda ftehim u wkoll għaliex is-soċjetà konvenuta baqgħet

tirrifjuta li tindennizza jew tħallas taħt il-polza, is-soċjetà rikorrenti ma kienx għad baqgħalha għażla oħra ħlief li tibda' dawn il-proċeduri.

għaddiet biex titlob lil din il-qorti:

a. Tiddikjara li l-polza maħruġa mis-soċjetà konvenuta bin-numru 50/01058461 għandha tkopri d-difett gravi li jeżisti fil-binja Aragon Business Centre, fi Triq id-Dragonara f'San Ġiljan;

b. Tiddikjara li, ġaladarba l-polza in kwistjoni għandha tkopri, s-soċjetà konvenuta għandha tindennizza lis-soċjetà attriċi u tħallasha d-danni u l-ħsarat li huma riżultat ta' dawn id-difetti gravi;

c. Tillikwida dan l-indennizz, ossia dawn id-danni u ħsarat (li jinkludu fost spejjeż oħrajn spejjeż ta' esperti kemm tekniċi u kif ukoll legali);

d. Tordna lis-soċjetà konvenuta tindennizza u tħallas lis-soċjetà rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata u dan bl-imgħax skond l-ogħla rata permissibbli skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

2. Rat id-dikriet mogħti minnha, kif diversament presjeduta, fid-9 ta' Ġunju 2022, wara rikors imressaq mill-attriċi fl-1 ta' Ġunju 2022[1], li bih ġiet awtorizzata n-notifika tal-konvenuta skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Komunitarju Numru 1393/2007;

3. Rat iċ-ċertifikat ta' notifika preżentat b'nota mill-Avukat tal-Istat fil-5 t'Ottubru 2022[2], mnejn jirriżulta li l-atti ġew mogħtija lil Fabio De Longhi, li hu ndikat bħala dipendent tal-konvenuta, fl-24 t'Awwissu 2022[3];

4. Rat id-dikriet mogħti minnha, kif diversament presjeduta, fis-7 t'Ottubru 2022, li permezz tagħha appuntat il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenuta, fost ordnijiet oħrajn;

[1] Ara fol.125.
[2] A fol.132.
[3] Ara fol.133.

5. Rat ir-rikors preżentat mill-attriċi fit-12 t'Ottubru 2022[4], li bih talbet it-tħassir tal-ewwel parti tad-dikriet mogħti fis-7 t'Ottubru 2022, u ċjoè dik il-parti fejn ġiet ordnata n-notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenuta u fejn il-konvenuta ingħatat terminu mill-ġdid biex twieġeb, liema rikors ġie miċħud b'dikriet tat-12 t'Ottubru 2022[5], peress li n-notifika tar-rikors ġuramentat kienet saret mingħajr id-dikriet tal-appuntament tas-smigħ;

6. Rat ukoll ir-rikors preżentat mill-attriċi fit-18 t'Ottubru 2022[6], li bih talbet għar-raġunijiet imfissrin fl-istess rikors li din il-qorti, kif diversament presjeduta, tawtorizzaha tipproċedi bin-notifika tad-dikriet tal-appuntament biss, la darba r-rikors ġuramentat kien diġà ġie notifikat, liema talba ġiet milqugħa b'dikriet tas-26 t'Ottubru 2022[7];

7. Rat ukoll iċ-ċertifikat ta' notifika preżentat b'nota mill-Avukat tal-Istat fid-19 ta' Settembru 2023[8], mnejn jirriżulta li n-notifika saret fit-3 t'Awwissu 2023 f'idejn l-istess Fabio De Longhi, anki jekk id-destinatarju ġie ndikat erronjament bħala "Assicurazioni Generali S.p.A"[9];

8. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

10. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

---

[4] A fol.213.
[5] A fol.215.
[6] A fol.217.
[7] A fol.219.
[8] A fol.231.
[9] Ara fol.233.

11. Illi din hija azzjoni mressqa mill-attriċi kontra l-konvenuta sabiex din tal-aħħar tonora polza t'assikurazzjoni li l-attriċi ssostni tkopri difetti gravi fil-faċċata tal-ħġieġ tal-binja tagħha f'San Ġiljan.

12. Mill-provi prodotti f'din il-kawża, jistgħu jiġu riepilogati s-segwenti fatti:

a. l-attriċi hija sid binja magħrufa bħala "Aragon House Business Centre" f'San Ġiljan, li għandha l-faċċata tagħha komposta interament minn ħġieġ[10]. Din il-faċċata fil-fatt hija magħmula minn elf u tmien mitt pannella tal-ħġieġ. Kull pannella għandha gwarniċ tal-aluminum li magħha huma marbuta żewġt iħġieġ[11];
b. jidher li x-xogħol biex saret din il-faċċata sar mis-soċjetà SIA srl[12], li bl-intervent tas-soċjetà Area Brokers Industria srl, ikkuntrattat il-ħruġ ta' polza t'assikurazzjoni fejn l-attriċi hija ndikata bħala l-parti assikurata[13]. Is-soċjetà li ħarġet din il-polza t'assikurazzjoni hija ndikata bħala Ina Assitalia S.p.A., però l-konvenuta hija ndikata fil-polza bħala ko-assikuratriċi fil-kwota ta' ħamsin fil-mija[14];
c. l-attriċi tgħid li l-konvenuta kisbet u assorbiet lis-soċjetà Ina Assitalia S.p.A.;
d. il-polza t'assikurazzjoni miksuba minn SIA srl kienet toffri kopertura kemm waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol, u kemm għal perjodu t'għaxar snin wara t-tmiem tax-xogħlijiet;
e. il-kuntrattur SIA srl appuntat lil Bureau Veritas bħala d-ditta li kellha tiċċertifika x-xogħlijiet, liema ċertifikazzjoni kienet ukoll meħtieġa skont it-termini tal-polza stess. Fil-25 ta' Settembru 2012, SIA srl għarrfet lill-attriċi li Bureau Veritas kienet tat l-awtorizzazzjoni tagħha għall-ħruġ tal-polza[15];
f. l-attriċi tgħid li fid-9 t'Ottubru 2012, ġiet infurmata li kellha tirreferi lis-soċjetà Area Brokers Industria srl għal kull kwistjoni naxxenti minn polza[16];
g. ġara li l-faċċata tal-ħġieġ żviluppat difetti li l-attriċi ssejħilhom «gravi», u konsistenti minn distakkament tal-*coating* tal-ħġieġ[17]. L-attriċi nkarigat żewġ esperti sabiex jipprovduha bil-fehma tagħhom dwar dawn id-difetti;

[10] Ara r-ritratti eżebiti minn fol.6-11.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.260.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.258, kif ukoll il-kopja tal-kuntratt tal-appalt, datat 16 ta' Novembru 2010, a fol.268.
[13] Ara fol.13.
[14] Ara fol.14.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.259, kif ukoll fol.317.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.259, kif ukoll fol.313.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.261.

h. fit-22 t'Awwissu 2017[18], Ennio Mognato kiteb lill-attriċi biex jgħarrafha li d-difett in kwistjoni kien wieħed gravi kostruttiv kif ukoll jaffettwa s-solidità u l-istabilità tal-faċċata tal-ħġieġ, billi jista' jwassal biex numru ta' pannelli jaqgħu fit-triq pubblika. Mognato dehrlu li d-difett kien dovut għall-kwalità tal-adeżjoni tal-*coating* mal-ħġieġa kif ukoll għan-nuqqas ta' osservanza ta' regoli dwar l-użu tal-*coating*, jew kombinazzjoni taż-żewġ raġunijiet. Sergei Escaich ukoll ta l-fehmiet tiegħu lill-attriċi permezz ta' rapport datat 4 ta' Diċembru 2019[19]. Fil-qosor, b'dan ir-rapport ix-xhud osserva li fiż-żmien relattiv, id-difett kien immanifesta ruħu f'iktar minn tmenin fil-mija tal-ħġieġ, u li dan id-difett effettivament kien jaffettwa l-ħġieġ kollu. Huwa qies li d-difett kien wieħed serju minħabba l-firxa tiegħu kif ukoll minħabba r-riskju li l-ħġieġ affettwat jaqa' fit-triq. B'rapport ieħor datat 27 ta' Novembru 2022[20], l-istess espert żied li kien in-nuqqas li jitneħħa kwalità ta' *coating* tal-ħġieġ minn wiċċ partikolari tal-ħġieġ li kkaġuna d-difett mertu tal-kawża. Serge Escaich għamel rapport ieħor lill-attriċi datat 20 ta' Jannar 2024[21], li bih aġġorna r-rapport preċedenti fir-rigward tal-firxa tad-difett li wassal għal dawn il-proċeduri;

i. jirriżulta li l-attriċi ntebħet l-ewwel darba bid-difett in kwistjoni meta mpjegati tagħha kienu qed jagħmlu xi manutenzjoni u nnutaw li l-*coating* tal-ħġieġ kien qed jitqaxxar f'xi pannelli. Fis-17 t'Ottubru 2013, l-attriċi nfurmat lil Area Brokers Industria srl b'dan il-fatt. F'dik l-epoka, kienu ġew spezzjonati ħmistax-il pannella tal-ħġieġ, u kien ġie misjub li disgħa minnhom kellhom id-difett in kwistjoni. Sal-1 ta' Diċembru 2023, id-difett kien infirex u affettwa madwar żewġ terzi tal-pannelli tal-ħġieġ[22];

j. fl-20 ta' Jannar 2014, l-attriċi ġiet infurmata minn Studio Cincotti Milano li kienu ġew inkarigati bħala *loss adjusters* fuq il-polza in kwistjoni[23], iżda fl-4 t'April 2014, l-istess ditta nfurmat lill-attriċi li l-konvenuta kienet ħadet il-pożizzjoni li l-polza ma kinitx tkopri d-difett in kwistjoni. Din il-pożizzjoni tal-konvenuta ġiet

[18] Ara fol.320.
[19] A fol.378.
[20] A fol.416.
[21] Ara fol.478.
[22] Ara fol.434.
[23] Ara fol.442.

kontestata mill-attriċi bl-intervent tal-avukati tagħha, kemm f'Malta[24] u kemm fl-Italja[25];

k. l-attriċi sadanittant irrikorriet għand id-ditti li mmanifatturaw il-ħġieġ u materjal ieħor neċessarju għax-xogħol imwettaq minn SIA srl. Sabiex jistabbilixxu r-raġuni tad-difett, dawn id-ditti ħadu numru ta' pannelli tal-ħġieġ difettużi u ssostitwewhom b'pannelli oħrajn, li maż-żmien ukoll żviluppaw l-istess difett[26].

l. wara l-korrispondenza skambjata bl-intervent ta' avukati, l-konvenuta qablet li ssir spezzjoni *in faciem loci* minn esperti tekniċi, u l-attriċi tgħid li ħadd mill-esperti tekniċi ma kien iltaqa' ma' dan id-difett qabel dik l-okkażjoni[27];

m. l-attriċi tgħid illi l-konvenuta kienet tekwivoka, billi r-rappreżentanti tagħha l-ewwel bdew juru li riedet tasal fi ftehim, biex imbagħad tbiddel ir-rappreżentanti tagħha u minflok tieħu pożizzjoni kompletament diversa. L-istess għamlet id-ditta li kienet provdiet il-ħġieġ innifsu. Kien għalhekk li l-attriċi bdiet proċeduri ta' medjazzjoni fl-Italja, li għalkemm ħadu medda ta' erba' snin, ma ħallew ebda frott[28];

n. fost il-kondizzjonijiet miftehma f'din il-polza, hemm l-artikolu sittax tal-kondizzjonijiet ġenerali tal-assikurazzjoni li jipprovdi li f'każ ta' tilwima l-kompetenza esklussiva hija tal-qrati tas-sede tal-assikurat, kif ukoll l-artikolu sbatax li jipprovdi li l-liġi applikabbli hija dik tal-Italja, salv ftehim kuntrarju[29];

o. is-soċjetà SIA srl jidher li falliet wara t-terminazzjoni tax-xogħlijiet li kienet tqabbdet tagħmel mill-attriċi, minħabba insolvenza[30];

p. l-attriċi tappoġġja l-azzjoni tagħha fuq il-kondizzjonijiet ġenerali tal-assikurazzjoni msejħa «*Garanzia Postuma Decennale*». L-ewwel artikolu ta' dawn il-kondizzjonijiet fil-fatt jipprovdi li: «*La Società si obbliga nei confronti del Contraente e in favore dell'Assicurato, in corrispettivo del premio convenuto ed anticipato, nei limiti, alle condizioni e con le modalità di cui alla presente polizza, a indennizzare l'Assicurato per i danni materiali e diretti causati all'opera assicurata e a terzi, durante il periodo di efficacia del contratto, da difetto di solidità, stabilità od impermeabilizzazione ( all'aria, al vento, all'acqua ), ovvero*

[24] Ara fol.445-462.
[25] Ara fol.463-475.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.262.
[27] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.263.
[28] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.267.
[29] Ara a tergo ta' fol.20.
[30] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, a fol.258.

*da gravi difetti costruttivi individuati ai sensi dell'art. 1669 del Codice Civile*». Din il-kondizzjoni mbagħad hija segwita minn oħrajn li jiddelimitaw il-kopertura assikurattiva mogħtija, kif ukoll jissubordinaw l-effikaċità ta' dik il-kopertura għal numru ta' ċirkostanzi elenkati fl-istess kondizzjonijiet;

q. il-konvenuta ressqet kawża quddiem il-Qorti ta' Milan sabiex, fost talbiet oħrajn, jiġi deċiż li l-polza in kwistjoni ma kinitx effikaċi u operattiva. B'deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2023[31], il-Qorti estera ddikjarat id-difett tal-ġurisdizzjoni tagħha. Minn din id-deċiżjoni l-konvenuta appellat[32];

r. l-attriċi tgħid illi fiż-żmien meta fetħet il-kawża, l-ispiża biex tbiddel il-ħġieġ difettuż kienet tiswa €3,618,106, skont stima li hija kisbet mingħand Pielle srl u Isoterglass srl[33]. Minħabba li l-prezzijiet fis-suq dejjem jiżdiedu, l-attriċi preżentat stima mħejjija f'Diċembru 2023[34]. Ġie spjegat li dan ix-xogħol rimedjali huwa propost li jsir minn dawn l-imsemmija żewġ soċjetajiet, kif ukoll minn Schuco, li hija d-ditta li kienet inkarigata mill-attriċi meta saru x-xogħlijiet oriġinali minn SIA srl[35]. L-attriċi tgħid li x-xogħlijiet rimedjali in kwistjoni sejrin jammontaw għal €4,275,811[36]. Din iċ-ċifra tinkludi kontinġenza ta' €189,324 (kalkolata bir-rata ta' ħamsa fil-mija fuq il-valur totali tax-xogħlijiet) kif ukoll is-somma ta' €300,000 deskritta bħala «*Estimated Compensation to Tenants During Works*». L-attriċi tgħid li din l-istima hija konservattiva u ma tinkludix spejjeż bħal permessi, taxxi, ħsarat li jistgħu iseħħu, protezzjoni tal-materjal wara l-istallazzjoni u spejjeż oħrajn[37].

13. Rilevati r-riżultanzi proċesswali u probatorji ewlenin, imiss issa li l-qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha.

Ikkunsidrat:

14. Illi l-konvenuta ma weġbitx fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi wara li ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat, u lanqas ma dehret waqt is-smigħ tal-kawża. Għalhekk hija kontumaċi. Ressqet biss rikors fl-14 ta' Mejju 2024, li bih talbet aktar żmien sabiex

[31] Ara fol.240.
[32] Ara dak dikjarat waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (a fol.256).
[33] A fol.511.
[34] A fol.520.
[35] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Norbert Tabone, a fol.505-506.
[36] Ara fol.529.
[37] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Norbert Tabone, a fol.506.

tressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kif ukoll li titħalla titratta oralment il-kawża. Talbiet li, għar-raġunijiet spjegati fid-dikriet mogħti minn din il-qorti fil-15 ta' Mejju 2024, ġew respinti.

15. Illi l-kontumaċja fid-Dritt modern tirreferi ruħha għan-nuqqas ta' xi parti, jew tal-partijiet entrambi, li jidhru fil-proċess. «*È detta contumacia la non comparizione d'una o d'entrambe le parti nel processo; e poichè la comparizione avviene all'udienza, se una delle parti non compare, o non lo fa regolarmente, è dichiarata contumace su istanza dell'altra. Come conseguenza il processo è regolato da forme proprie del procedimento contumaciale*»[38]. Taħt ir-rit Malti, il-kontumaċja tal-konvenut tipprekludih milli jressaq eċċezzjonijiet u kif ukoll milli jressaq provi waqt is-smigħ tal-kawża, u f'dan is-sens il-ġurisprudenza lokali dejjem qieset l-istitut tal-kontumaċja bħala wieħed ta' natura punittiva, u ċjoè konsistenti minn sanzjonijiet li jiġu mposti kontra dik il-parti li tonqos mid-dmir tagħha lejn il-qrati li twieġeb għall-ordni biex tidher. Kemm hu hekk, ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited*** (Appell Superjuri, 28/1/2005) li: «*L-istitut tal-kontumaċja li dwaru ġie interpost l-appell in eżami minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali (ara wkoll id-deċiżjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170)*».

16. Dan però ma jfissirx li l-kontumaċja tal-konvenut hija ekwivalenti għall-ammissjoni jew aċċettazzjoni tat-talbiet tal-attur. Anzi l-ġurisprudenza tagħna dejjem sostniet li l-kontumaċja tfisser oppożizzjoni għat-talbiet tant li l-kontumaċi għandu dejjem dritt t'appell (ara f'dan is-sens ***Anthony Grech et vs. Joseph Farrugia et***, Appell Superjuri, 17/2/2004), u dan iġib miegħu il-ħtieġa li f'kull każ, l-attur iressaq prova kif imiss tal-pretensjonijiet tiegħu (ara ***F Advertising Limited vs. Tano Farrugia et***, Appell Inferjuri, 30/11/2011; kif ukoll ***Canco. Cap. Mons. Don Isidoro Formosa, D.D. vs. Francesco***

[38] ***Il Nuovo Digesto Italiano***, vuċi «Contumacia Civile», §2.

***Curmi***, Prim'Awla, 27/3/1914[39]). Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Joseph Vella vs. Pierre Cremona*** (Appell Superjuri, 10/10/2003):

> Il-kontumaċja ma teħlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-aħjar prova. Mill-ftit li rnexxielu "jagħmel" il-konvenut, l-attur kien messu rrealizza li l-provi tiegħu in kwantu bażati biss fuq dikjarazzjoni unika tiegħu kienu insuffiċjenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in eżerċizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' faċilment jippreżenta provi aħjar pero` huwa għażel li ma jagħmilx dan u għalhekk dehrilha li ma kienx ġust li tilqa' t-talbiet tiegħu għaliex b'hekk hija "tkun qegħda tħalli lill-attur jieħu vantaġġ mhux xieraq mill-kontumaċja tal-konvenut jekk toqgħod fuq il-kelma ta' l-attur biss".

17. Aktar riċentement, ġie deċiż *in re* ***Paul Sammut et vs. Dr Simon Micallef Stafrace et noe*** (Appell Superjuri, 9/5/2024) li: «*... biex l-attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li huwa għandu jedd li jressaq l-azzjoni magħżula minnu, għaliex jekk le, il-Qorti, ukoll jekk il-konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet tiegħu (ara Kevin Attard v. Philip Cardona et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023)*».

18. F'dan is-sens għalhekk jibqa' doveruż għall-attriċi li ġġib prova skont il-liġi biex turi li l-pretensjonijiet tagħha huma tassew fondati, u dan anki fl-assenza ta' eċċezzjonijiet formali min-naħa tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

19. Illi l-qorti jidhrilha wkoll li huwa doveruż li tqis l-aspett tal-ġurisdizzjoni tagħha.

20. Illi tenut kont li l-konvenuta hija soċjetà reġistrata fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, huwa opportun li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament EU 1215/2012, b'mod partikolari l-artikolu 25(1), li jgħid hekk:

---

[39] Kollezz. Vol.XXI.ii.225, fejn ġie ritenut li minkejja l-kontumaċja tiegħu, il-konvenut għandu dejjem: «*il suo diritto di interporre appello dalla decisione la quale dovrà purnondimeno essere sempre pronunziata in conformità alle regole stabilite del diritto giudiziario e probatorio*».

> 1. If the parties, regardless of their domicile, have agreed that a court or the courts of a Member State are to have jurisdiction to settle any disputes which have arisen or which may arise in connection with a particular legal relationship, that court or those courts shall have jurisdiction, unless the agreement is null and void as to its substantive validity under the law of that Member State. Such jurisdiction shall be exclusive unless the parties have agreed otherwise. The agreement conferring jurisdiction shall be either:
> (a) in writing or evidenced in writing;
> (b) in a form which accords with practices which the parties have established between themselves; or
> (c) in international trade or commerce, in a form which accords with a usage of which the parties are or ought to have been aware and which in such trade or commerce is widely known to, and regularly observed by, parties to contracts of the type involved in the particular trade or commerce concerned.

21. Huwa fatt li l-kuntratt tal-assikurazzjoni meritu ta' din il-kawża jipprovdi li f'każ ta' tilwima dwar il-polza, il-ġurisdizzjoni esklussiva tkun vestita fil-qrati tal-post fejn ikollu s-sede l-assikurat.

22. Fil-proċeduri quddiem il-Qrati Taljani, il-konvenuta sostniet li l-attriċi m'hijiex l-assikurat tagħha. Targumenta dan prinċipalment in bażi għall-fatt li fil-kuntratt t'assikurazzjoni, il-kelma «assicurato» hija mfissra bħala «l'azienda iscritta all'UNCSAAL nella sezione Serramenti, aderente alla Convenzione». Madanakollu, fil-polza eżebita a fol.13 tal-proċess u li wkoll tifforma parti mill-kuntratt t'assikurazzjoni, l-attriċi hija ndikata bħala l-assikurat.

23. Fuq l-istess kuntratt t'assikurazzjoni, ġie stipulat li l-liġi applikabbli għandha tkun dik Taljana. Huwa risaput illi l-prinċipju prevalenti meta fi proċeduri Maltin ikun applikabbli Dritt barrani huwa dak imfisser fid-deċiżjoni ***Carmelo Saliba vs. Winifred Lawson in oggi moglie di George Harker dallo stesso assistita*** (Appell Superjuri, 12/2/1932)[40]: «*...chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera, assume l'onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella*

[40] Kollezz. Vol.XXVIII.i.244.

*legge; mancando tale prova, è da applicarsi la legge locale*». Prinċipju li għadu segwit anki fiż-żminijiet tagħna (ara ***Michele Peresso Limited et vs. Upim S.r.l et***, Appell Superjuri, 10/10/2023). In diżimpenn ta' dan l-oneru, l-attriċi ressqet prova tad-dritt barrani permezz tad-dikjarazzjoni maħlufa tal-Avukat Giovanni Nosengo[41], li jagħmel riferenza għal varji dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Taljan dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, kompriżi l-artikoli 1362, 1363, 1366 u 1370. L-istess xhud jirreferi wkoll għall-artikolu 1342 tal-Kodiċi Taljan, li jgħid hekk:

> Nei contratti conclusi mediante la sottoscrizione di moduli o formulari, predisposti per disciplinare in maniera uniforme determinati rapporti contrattuali, le clausole aggiunte al modulo o al formulario prevalgono su quelle del modulo o del formulario qualora siano incompatibili con esse, anche se queste ultime non sono state cancellate.
> Si osserva inoltre la disposizione del secondo comma dell'articolo precedente.

24. L-Avukat Nosengo jixhed li skont din id-dispożizzjoni, il-polza li fiha l-attriċi hija ndikata bħala l-assikurat għandha titqies li tipprevali fuq it-test "standard" tal-kuntratt tal-assikurazzjoni, u għalhekk il-kuntrast apparenti bejn it-tifsira ta' "assikurat" fil-kuntratt u l-indikazzjoni tal-attriċi bħala "assikurat" fil-polza ma hija kuntrastanti xejn. Il-qorti tqis li din l-applikazzjoni tad-Dritt taljan hija plawsibbli u għandha mis-sewwa, u għalhekk taċċettaha.

25. Tqis ukoll li din ix-xiehda tal-Avukat Nosengo hija wkoll sostenuta minn qari tal-artikolu 1891 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li jgħid hekk:

> **Art. 1891.**
> **Assicurazione per conto altrui o per conto di chi spetta.**
> Se l'assicurazione è stipulata per conto altrui o per conto di chi spetta, il contraente deve adempiere gli obblighi derivanti dal contratto, salvi quelli che per loro natura non possono essere adempiuti che dall'assicurato.
> I diritti derivanti dal contratto spettano all'assicurato, e il contraente, anche se in possesso della polizza, non può farli valere senza espresso consenso dell'assicurato medesimo.
> All'assicurato sono opponibili le eccezioni che si possono opporre al contraente in dipendenza del contratto.

[41] A fol.530.

> Per il rimborso dei premi pagati all'assicuratore e delle spese del contratto, il contraente ha privilegio sulle somme dovute dall'assicuratore nello stesso grado dei crediti per spese di conservazione.

26. Din id-dispożizzjoni turi li hemm dikotomija bejn il-kontraent (u ċjoè dak li jikkontratta l-assikurazzjoni) u l-assikurat (u ċjoè dak li kontra r-riskju tiegħu issir l-assikurazzjoni). F'bosta każijiet, il-kontraent u l-assikurat ikunu l-istess persuna, iżda jeżistu każijiet fejn ikunu persuni diversi, u b'hekk il-kuntratt t'assikurazzjoni jiġi dixxiplinat mill-artikolu 1891 li jagħraf din id-distinzjoni. Fir-rigward, ġie spjegat: «*L'assicurato è, nel contratto di assicurazione, il soggetto esposto al rischio dedotto in contratto; non necessariamente coincide con la parte contraente l'assicurazione. Questa può agire per sè, e allora c'è identità fra contraente e assicurato, oppure può agire per conto altrui o «per conto di chi spetta», e allora l'assicurato sarà persona diversa dal contraente*»[42]. Dan jikkonferma dak sottomess mill-Avukat Nosengo li l-attriċi hija l-parti assikurata taħt il-kuntratt, billi s-soċjetà SIA srl – li kkuntrattat il-ħruġ tal-polza – ma kinitx qed tassigura l-interessi tagħha imma tal-attriċi. Għalhekk, la SIA srl ma tistax titqies assikurata, mela allura hi loġikament l-attriċi biss li tokkupa dak ir-rwol, u r-regola kontrattwali li l-ġurisdizzjoni esklussiva hija vestita fil-qrati tal-foro tal-assikurat tgħodd għall-Qrati Maltin. U kif rajna, waslet għall-istess konklużjoni l-Qorti ta' Milan, anki jekk id-deċiżjoni tagħha għadha tinsab appellata.

Ikkunsidrat:

27. Niġu issa għall-meritu tal-pretensjonijiet tal-attriċi.

28. Kif diġà ngħad, l-attriċi qed torbot il-pretensjonijiet tagħha mal-kondizzjonijiet ġenerali tal-assikurazzjoni msejħa «*Garanzia Postuma Decennale*». L-ewwel artikolu ta' dawn il-kondizzjonijiet fil-fatt jipprovdi li: «*La Società si obbliga nei confronti del Contraente e in favore dell'Assicurato, in corrispettivo del premio convenuto ed anticipato, nei limiti, alle condizioni e con le modalità di cui alla presente polizza, a indennizzare l'Assicurato per i danni materiali e diretti causati all'opera assicurata e a terzi, durante il periodo di efficacia del contratto, da difetto di solidità, stabilità od*

[42] ***F. Galgano***, Trattato di Diritto Civile (3a Edizione), Vol.II, paġna 906.

*impermeabilizzazione ( all'aria, al vento, all'acqua ), ovvero da gravi difetti costruttivi individuati ai sensi dell'art. 1669 del Codice Civile*».

29. Huwa ċar minn din id-dispożizzjoni illi l-konvenuta għalhekk hija obbligata li tindennizza lill-attriċi minn danni materjali u diretti kaġunati lill-opra assikurata matul il-perjodu tal-kuntratt minn difetti ta' solidità, stabilità jew impermeabilità, u ċjoè difetti gravi kostruttivi fis-sens imfisser mill-artikolu 1669 tal-Kodiċi Ċivili.

30. Din id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Ċivili Taljan tgħid hekk:

**Art. 1669.**
**Rovina e difetti di cose immobili.**
Quando si tratta di edifici o di altre cose immobili destinate per la loro natura a lunga durata, se, nel corso di dieci anni dal compimento, l'opera, per vizio del suolo o per difetto della costruzione, rovina in tutto o in parte, ovvero presenta evidente pericolo di rovina o gravi difetti, l'appaltatore è responsabile nei confronti del committente e dei suoi aventi causa, purché sia fatta la denunzia entro un anno dalla scoperta.
Il diritto del committente si prescrive in un anno dalla denunzia.

31. Fir-rigward l-Avukat Nosengo jgħid: «*In buona sostanza, la giurisprudenza italiana ha fornito una definizione molto ampia di "gravi difetti", includendovi ogni alterazione, derivante da un'esecuzione imperfetta dell'opera, che vada a pregiudicare il godimento del bene o la normale utilizzazione dello stesso. Tanto che nella definizione di "gravi difetti" si è arrivati ad includere anche eventuali alterazioni estetiche di elementi strutturali dell'edificio che abbiano però compromesso la funzionalità globale e la normale utilizzazione dell'opera realizzata*». Dan wara li jiċċita diversi eżempji u deċiżjonijiet tal-Qrati Taljani biex jillustra l-mod kif il-frażi «gravi difetti» ġiet imfissra fil-ġurisprudenza Taljana.

32. Minn dak li setgħet tirrikapita din il-qorti, jidher li dak sottomess mill-Avukat Nosengo huwa korrett. Ingħad mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana li: «*In tema di appalto i difetti dell'opera integrano la fattispecie di cui all'art.1669 c.c., con conseguente responsabilità dell'appaltatore, quando compromettano oltre l'estetica, la funzionalità*

*ed il godimento dell'immobile e delle singole sue funzioni*»[43], kif ukoll: «*L'umidità conseguente ad inadeguata coibentazione delle struttura perimetrali di un edificio, può integrare, ove sia compromessa l'abitabilità e il godimento del bene, grave difetto dell'edificio ai fini della responsabilità del costruttore ex art. 1669 c.c.*»[44].

33. Minn dan kollu, l-qorti qed tifhem li sabiex difett jitqies "difett gravi" fit-termini tal-artikolu 1669 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, dak id-difett għandu jinċidi b'mod materjali fuq l-użu u s-servibilità tal-fond, b'mod li b'konsegwenza ta' dak id-difett, tiġi preġudikata t-tgawdija tal-fond u l-użu normali tiegħu skont id-destinazzjoni lilu mogħtija mill-kommittent.

34. Huwa biss ovvju li l-prova li d-difett mertu tal-kawża huwa munit bil-karattru ta' gravità li trid il-liġi estera tinkombi fuq l-attriċi.

35. Il-qorti jidhrilha illi l-attriċi ma ressqitx prova adekwata fir-rigward ta' dan l-aspett, kif ukoll rigward aspetti oħrajn tal-kawża.

36. Matul is-smigħ tal-kawża, l-attriċi ressqet tliet xhieda, u ċjoè lil Norbert Tabone (li xehed dwar l-ispejjeż neċessarji biex id-difett jiġi rimedjat), lill-Avukat Nosengo (li xehed dwar id-dritt barrani) u lil Peter Paul Testaferrata Moroni Viani. Dan tal-aħħar xehed dwar il-fatti meritu tal-każ, u xehed ukoll dwar id-difetti in kwistjoni. Però fix-xiehda tiegħu naqas għal kollox milli jispjega kif dawk id-difetti jinċidu fuq l-użu u s-servibilità tal-binja tal-attriċi. Meta mbagħad ġie biex jixhed dwar il-kaġun u l-konsegwenzi tad-difetti, Peter Paul Testaferrata Moroni Viani tenna dak li qalulu l-esperti nkarigati mill-attriċi. U naturalment ma setax ħlief jagħmel hekk, fid-dawl tan-natura prettament teknika ta' dik il-materja. Li però kienet tistenna l-qorti huwa li l-attriċi tressaq bħala xhud tagħha mqar wieħed miż-żewġ esperti nkarigati minnha, sabiex dawn ikunu jistgħu iwettqu l-opinjonijiet tagħhom bħala xiehda.

37. Illi l-liġi tagħna espressament tirregola l-ammissibilità ta' opinjonijiet permezz tal-artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Qabel l-introduzzjoni

[43] 22 ta' Frar, 1999 – numru 1468.
[44] 15 t'April, 1999 – numru 3753.

ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, kienet ir-regola li l-uniċi opinjonijiet ammissibbli bħala prova kienu dawk li jiġu mogħtija minn persuni maħtura bħala esperti mill-qorti adita bil-kawża. Ġie spjegat li, «*La differenza intrinseca fra la funzione del perito giudiziale e l'opera di un perito stragiudiziale è a mio credere lumeggiata sufficientemente dalle nozioni che precedono. Il primo ha l'obbligo giuridico di far conoscere la verità al magistrato per quanto glielo permettono le proprie attitudini speciali; il secondo a il mandato da una delle parti interessate nel litigio di illustrare secondo i criteri dell'arte o della scienza che professa il tema controverso. E naturale che la parte da cui emana simile incarico non sia valga dell'opera del suo mandatario se non la riconosca a sè giovevole. Ed è anche naturale che il magistrato sia rigorosamente circospetto nell'esaminare una perizia stragiudiziale. Da questo non deriva per altro che egli debba sempre, a priori, negarle ogni credito, ossia ricusarsi senz'altro ad esaminarla, il che vale lo stesso. Spesso accade che dalle due parti si portino perizie stragiudiziali redatte in contrario intendimento; il più delle volte dalla inconciliabilità dei criteri, dei ragionamenti, delle conclusioni, viene fuori l'indicazione del bisogno di una perizia giudiziale. Ma può anche verificarsi che l'attento esame del giudice trovi una equazione fra le divergenze dei periti stragiudiziali, ovvero trovi un fondo di presupposti, o criteri, o dati di fatto, comuni alle due perizie, e da tali elementi ritragga quanto basta per integrare le proprie cognizioni. Può darsi che una perizia stragiudiziale non sia contestata dalla parte avversaria negli elementi di fatto o nei metodi di analisi, ovvero che lo sia con ragioni troppo deboli. In simili circostanze la perizia o le perizie in discorso possono eliminare il bisogno di nominare periti giudiziali. Infine non è raro che l'utilità, sia pure secondaria, di perizie stragiudiziali si manifesti nella forma di un sussidio che il loro contenuto arrechi alla perizia ordinata in giudizio. Queste varie contingenze, ed altre, sono governate dalla prudente discrezione del giudice del merito, senza che sia possibile tracciare regole precise in proposito*»[45]. Fl-istess sens kittieb ieħor awtorevoli tal-istess epoka josserva li, «*Non ha carattere probatorio di perizia quella, che è stata eseguita stragiudizialmente ad istanza di una sola parte, e senza il corredo della formalità e garanzie, che fra breve vedremo stabilite per le perizie giudiziali: V. conform. sentenze – Cassazione Torino, 3 luglio 1883 e 22 febbraio 1890 (Giurisprudenza, 1883, p$^e$ 894-95; 1890, p. 257) – Corte app. Palermo, 1$^o$ dicembre 1884 (Circolo giuridico, 1885, 2, p. 39). – Non per ciò è a*

---

[45] ***Mortara***, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Vol.III, §553.

*ritenersi che sia vietato all'una e all'altra parte di produrre in causa, nel proprio interesse, una perizia stragiudiziale, quasi che questa vada priva, a priori, di qualsiasi valore: imperocchè, ciascuno dei litiganti può addurre a sostegno del proprio assunto tutti gli argomenti che stimi opportuni; onde della perizia stragiudiziale, presentata da una delle parti nel proprio interesse, il giudice del merito potrà e dovrà tenere conto – non per fondare esclusivamente o totalmente sopra la medesima la sua sentenza definitiva – ma per valersene come di uno dei vari elementi, emergenti dalla causa, dai quali egli attinge la propria convinzione*»[46]. Fi żmenijiet aktar riċenti, kittieb ieħor ferm aktar modern osserva li ‚«*Nella pratica accade spesso che le parti producono, di loro iniziativa, le c.d. perizie stragiudiziali, ossia dissertazioni tecniche sul quesito, posto dalla parte, ad opera di un tecnico che non è stato designato dal giudice ma che, per lo più, assevera spontaneamente la sua dichiarazione con giuramento. Tali documenti, non previsti, ma neppure vietati, dalla legge, non sono prove nè assolvono alla funzione integratrice del giudizio, almeno ufficialmente. Nulla, tuttavia, impedisce che il giudice ne tragga spunto per argumentazioni o per dedurne l'opportunità di una consulenza, o anche per trarne delle elementi indiziari*»[47].

38. Illi madanakollu, kif fuq premess, is-sitwazzjoni nbidlet wara li fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ġie ntrodott l-artikolu 563A, li jgħid:

> 563A. (1) Meta persuna tissejjaħ bħal xhud, l-opinjoni tagħha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, għandha tintlaqa' bħala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni.
>
> (2) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, jekk din ix-xiehda tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment minnha, għandha tkun ammissibbli bħala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.
>
> (3) L-opinjoni mogħtija minn persuna skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 681 u għas-

[46] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol.II, §1016.
[47] ***C. Mandrioli e A. Carratta***, Diritto Processuale Civile, 27$^{sima}$ edizione, Vol.II, §37, fn8.

setgħa tal-qorti li taħtar perit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 646.

39. Illi fid-deċiżjoni ***Middlesea Insurance plc vs. Mark Zaffarese***[48], ġie osservat hekk:

> L-ewwel osservazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti hi din. Ibda biex, ma kien hemm xejn fil-liġi illi jżomm lill-Qorti milli tadotta rapport ta' perit ex parte. Anzi, il-kuntrarju hu l-każ, kif joħroġ ċar mid-dispost ta' l-Artikolu 563A tal-Kodiċi ritwali (Kapitolu 12). Dik l-opinjoni kienet ammissibbli u wkoll aċċettabbli bħala fonti oġġettiva ta' prova una volta l-Qorti ma jkunx dehrilha li għandha tiskartaha bħala li tmur kontra l-konvinzjonijiet tagħha (Artikolu 681, Kapitolu 12). Huwa veru illi dik l-opinjoni spiss drabi tkun bażata fuq konsiderazzjoni ta' diskrezzjonalita` teknika iżda dan ma jfisserx illi m'għandhiex ukoll titqies rilevanti meta ċ-ċirkustanzi jissuġġerixxu illi l-istess tikkostitwixxi aċċertament ta' fatt rilevabbli in bażi għall-konoxxenza teknika determinanti. Dan aktar u aktar fejn, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tkun tal-fehma illi d-deduzzjonijiet kontrarji tal-konvenut ma jkunux tali li jikkontrastaw ruħhom għal dik l-istess opinjoni

40. Illi ta' nteress ukoll hija d-deċiżjoni ***Valle del Miele Limited vs. Raphael Aloisio et***[49], fejn ġie osservat:

> ... għandu jiġi osservat li, fit-termini tal-Artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), opinjoni ta' xhud hi ammissibli jekk tingħata minn persuna li jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni (Art. 563A(1)). Fil-fatt, anke opinjoni li dwarha xhud mhux kwalifikat hi ammissibli bħala prova jekk dik ix-xhieda "tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment" mix-xhud (Art. 563A(2)).

41. Però l-ammissibilità ta' prova b'espert *ex parte* tiddependi mhux biss mill-kwalifiki tekniċi ta' dak l-espert, iżda wkoll mill-fatt li dak l-espert jassumi r-rwol ta' "xhud", li jfisser li jrid jikkonferma l-opinjonijiet tiegħu bil-ġurament bħal kull xhud ieħor, u kif isir saħanistra mill-esperti nominati mill-qorti. Fl-assenza ta' dan, il-qorti ma tistax tqis

[48] Appell Inferjuri, 29/5/2009. Ara wkoll ***Clorinda Caruana vs. Anne Agius*** (Prim'Awla, 12/1/2001).
[49] Appell Superjuri, 30/10/2009.

dak miktub mill-espert *ex parte* bħala prova. Il-qorti rat li sabiex tissostanzja l-każ tagħha, l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tagħmel riferenza ampja għar-rapporti tal-esperti *ex parte* tagħha. Riferenza però li din il-qorti ma tħossx li tista' tagħmel fis-sentenza tagħha, la darba dawn l-esperti ma ġewx prodotti bħala xhieda kif irid l-artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

42. Meta allura wieħed iwarrab il-kontenut ta' dawn ir-rapporti, ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li mill-atti proċesswali hija nieqsa prova konkreta li turi li d-difetti mertu tal-kawża tassew huma gravi, billi għandhom il-karattru li teżiġi l-ġurisprudenza Taljana. Prova li kienet indispensabbli, mhux biss sabiex l-attriċi turi li d-difett kien wieħed "gravi" kif fuq premess, imma wkoll biex jintwera illi dak id-difett ma kienx xi wieħed minn dawk esklużi permezz tal-artikolu tnejn tal-kondizzjoni ġenerali tal-garanzija postuma deċennali, nvokati mill-attriċi f'din il-kawża.

43. Din id-diffikultà naxxenti minn insuffiċċjenza ta' provi ġiet riskontrata mill-qorti anki fir-rigward tal-aspett tal-ispejjeż tax-xogħlijiet rimedjali. L-attriċi preżentat il-prospett tagħha ta' dawn l-ispejjeż, liema prospett però jistrieħ materjalment, jekk mhux esklussivament, fuq stimi preparati minn terzi li wkoll ma ġewx prodotti bħala xhieda sabiex jikkonfermaw il-kontenut ta' dawn l-istejjem.

44. Ġie korrettement miżmum li dokument li ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament minn min għamlu ma jistax jitqies bħala prova tal-kontenut tiegħu (ara f'dan is-sens ***Maria Xuereb et vs. John Callus***, Appell Superjuri, 19/10/1983[50]; ***L-Avukat Dr. Josè A. Herrera noe vs. Alfred Pace et noe***, Prim'Awla, 14/11/2002; ***Anthony Chircop et noe vs. John Zammit noe et,*** Prim'Awla, 14/11/2002; ***Vastek International Limited vs. Engineering and Technology Limited***, Prim'Awla, 15/12/2003; ***Joseph Gatt et vs. Franco Galea et***, Qorti t'Għawdex Superjuri, 29/4/2022). L-uniċi dokumenti eżentati minn din ir-regola huma dawk elenkati fl-artikolu 627 u 628 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif ukoll dawk elenkati fl-artikolu 629, kemm-il darba l-kopja preżentata tkun debitament awtentikata. Id-dokumenti li l-qorti mhux tqis għaliex ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mill-awtur tagħhom ma humiex fost dawk elenkati fl-imsemmija dispożizzjonijiet. Għall-kompletezza, jingħad illi l-ħtieġa li

[50] Kollezz. Vol.LXVII.ii.153.

dokument jiġi konfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu ma tibqax tgħodd fejn il-kontro-parti teżenta lill-parti produċenti dak id-dokument minn dik il-ħtieġa. Eżenzjoni li ma saritx f'dan il-każ, u lanqas tista' tiġi preżunta, la darba l-konvenuta hija kontumaċi u għalhekk, skont il-ġurisprudenza ċitata, titqies li qed tikkontesta kollox.

45. Il-qorti tqis li dawn il-provi setgħu faċilment isiru mill-attriċi permezz tal-produzzjoni bħala xhieda tal-esperti mqabbdin minnha, kif ukoll fin-nuqqas permezz ta' perizja teknika, li setgħet anki twassal għall-aċċertamenti neċessarji fir-rigward tal-ispejjeż rimedjali nvoluti. Wara kollox, jirriżulta mix-xiehda ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani li tal-inqas wieħed minn dawn l-esperti kien ikun preżenti f'Malta frekwentement[51], u għalhekk kellha tkun xi ħaġa faċili biex dan l-espert jinġieb jixhed.

46. B'żieda mal-premess, din il-qorti jidhrilha wkoll li l-attriċi naqset milli tipprova wkoll (i) li s-soċjetà Ina Assitalia S.p.A., li magħha sar il-kuntratt t'assikurazzjoni li fih il-konvenuta ssemmiet biss bħala ko-assikuranti, tassew inkisbet mill-konvenuta b'mod li llum il-konvenuta twieġeb weħidha u b'mod sħiħ għall-obbligazzjonijiet naxxenti minn dak il-kuntratt; kif ukoll (ii) li l-effetti tal-garanzija postuma deċennali tassew daħlu fis-seħħ. L-attriċi tagħraf u taċċetta, permezz tax-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani[52], li d-dħul fis-seħħ ta' din il-garanzija kien soġġett għal numru ta' kondizzjonijiet, li huma ndikati fuq id-dokument immarkat "PP3" a fol.311. Fost dawk il-kondizzjonijiet, hemm imniżżel li biex il-kopertura tidħol fis-seħħ ix-xogħol irid jiġi ċertifikat, liema ċertifikazzjoni, mix-xiehda tal-istess direttur tal-attriċi, kellha ssir mid-ditta Bureau Veritas. L-attriċi tgħid li din iċ-ċertifikazzjoni saret u ġiet aċċettata mill-konvenuta, u għalhekk il-polza daħlet fis-seħħ, u bħala prova ta' dan tressaq ittra elettronika mibgħuta lilha minn SIA srl, li tgħid dan (fol.317). Din l-ittra elettronika però, li wkoll ma ġietx konfermata bil-ġurament mill-awtur tagħha, tikkostitwixxi wkoll *detto del detto*, li skont l-artikolu 598 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux ammissibbli ħlief fil-każijiet limitati msemmija fl-artikolu 599.

[51] Ara x-xiehda bl-affidavit tiegħu, a fol.478.
[52] Ara l-paragrafu sitta, a fol.259.

47. Iċ-ċirkostanzi ta' fatt fuq imsemmija huma kollha premessi neċessarji u indispensabbli tal-azzjoni attriċi, u għalhekk hija kellha l-oneru li ġġib prova skont il-liġi – u ċjoè l-aħjar prova – dwar kull waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi ta' fatt. Fil-fatt ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Maria Debono et vs. Avukat Dr. Paolo Mercieca et noe et*** (Appell Superjuri, 30/1/2004) li:

> Din il-Qorti jidhrilha li għalkemm l-ewwel Qorti setgħet liberament tillimita ruħha għal dak li ġie formalment eċċepit mill-parti konvenuta u tieħu l-premessi attriċi bħala konfermati in mankanza ta' oppożizzjoni speċifika dwarhom mill-parti avversa, fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremttiet l-attriċi ġie ppruvat u huwa legalment korrett. Eżerċizzju tali jinkwadra ruħu fil-parametri ta' dak li jista' jagħmel ġudikant qabel jasal għall-ġudizzju tiegħu u ma jammontax għal ħolqien ta' eċċezzjonijiet ġodda kif qegħdha tallega l-appellanti. Bil-fatt li l-parti konvenuta għażlet li tikkontesta t-titolu jew dritt vantat mill-attriċi bl-asserzjoni li hija għandha titolu pozjuri u superjuri hija inkorriet ir-riskju reali li l-ewwel Qorti setgħet assumiet li ma kien hemm xejn aktar x'jiġi ppruvat mill-attriċi u marret kwindi mill-ewwel biex tikkunsidra l-eċċezzjoni li ġiet sollevata mill-parti konvenuta. L-ewwel Qorti dehrilha li xorta waħda għandha tisma' u tiddeċiedi fuq il-premessi ta' l-attriċi u finalment spiċċat biex ċaħdithom u waqfet hemm. Għandu hawn jingħad li anke f'kawżi fejn konvenut baqa' kontumaċi hemm diversi preċedenti fejn il-Qorti xorta waħda esiġiet li l-attur jagħmel il-provi tiegħu għall-konvinċement tagħha.

48. Din il-qorti ma jidhrilix li hija tista' twarrab dawn in-nuqqasijiet u toqgħod biss fuq id-dokumenti preżentati mill-attriċi u fuq ix-xiehda tar-rappreżentanti tagħha, minflok tqis ir-regoli proċedurali li taħthom jitressqu l-provi quddiem il-Qrati Maltin. Kif ritenut fid-deċiżjoni ***Triton Logistics Limited vs. Il-Kontrollur tad-Dwana*** (Appell Superjuri, 12/7/2023):

> L-Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jipprovdi li quddiem il-Qorti għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova. F'dan is-sens mhuwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar provi u lanqas ma huwa xogħolha li, fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li l-parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha (ara ***Myriam Fenech v. Anna Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26

ta' Ottubru, 2022 u ***Kristinu Grech v. Anthony Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1998).

49. Għal dawn ir-raġunijiet kollha għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Lydia Ellul

Deputat Reġistratur